MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2007

Talba Numru. 167/2004

**Avviz numru 167/04 RFA**
**Atlas Insurance Agency Limited u b'digriet tat-Tribunal tat-30 ta` Settembru, 2004 is-socjeta` Atlas Insurance Limited assumiet l-atti ta` dina l-kawza minflok is-socjeta Atlas Insurance Agency Limited u dawna bhala agenti ta` AXA Insurance plc kif surrogati fid-drittijiet tal-assikurat taghhom M.I.M.S. Supplies Ltd u l-istess M.I.M.S. Supplies Ltd f'isimha proprju**

**Vs**

**Mark Anthony Farrugia**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta` Jannar, 2004 fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta` tlett mija u sittin lira erbgha u sebghin centezmu (Lm360.74) rapprezentanti danni mhallsa mill-attur nomine fuq vettura LCG 967 assikurata

maghha u dana per konsegwenza ta` habta li grat fit-3 ta` Frar, 2003 gewwa Santa Venera waqt li l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura numru AAJ 757 u habat mal-vettura numru LCG 967 proprjeta` tas-socjeta` attrici M.I.M.S. Supplies Ltd misjuqa minn Jason Schembri u ghal liema ncident l-istess konvenut kien unikament responsabbli.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra legali datata 10 ta` Ottubru, 2003 u ta` l-ittra ufficcjali datata 4 ta` Novembru, 2003 u bl-imghax legali dekorribbli mill-10 ta` Ottubru, 2003 u bl-ispejjez ta` l-ittra ufficcjali pprezentata ma` dan l-avviz kontra American Home Assurance kif rikjesta mil-ligi assikuratrici tal-konvenut u nkluz Lm15 konsult kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 18 ta` Frar, 2004 fejn ikkontesta r-responsabbilita` ta` l-incident in kwistjoni stante li ghall-istess kien jahti Jason Schembri li kien qed isuq il-vettura LCG 967.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-atturi li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti.

Ikkunsidra.

PS 1212 Carmel Zerafa li kien investiga dan l-incident kkonferma r-rapport u l-iskizz esebiti minnu bhala Dok CZ 1 u CZ2. Jispjega li ma setax jistabbilixxi l-ispot of impact peress li l-impatt kien zghir. Ighid ukoll li Schembri kellu l-intenzjoni li jikser ghal triq laterali minn triq il-Kanun Sta Venera, jisimha Triq il-palazz l-ahmar. Skond il-verzjonijiet taz-zewg sewwieqa kif rappurtati minn dan is-surgent jirrizulta li t-tnejn kienu miexja fl-istess direzzjoni gewwa Triq il-kanun minn B’kara lejn Hal Qormi. Il-konvenut kien miexi fuq wara u Schembri quddiemu. Schembri ighid li waqaf f’nofs it-triq, xeghel l-indicator u beda jdur bil-mod biex jidhol f’Triq il-palazz l-ahmar u kien f’dan il-mument li l-konvenut ghamel manuvra biex jissorpassah bil-konsegwenza li laqtu fuq in-naha ta` quddiem tal-lemin.

Min-naha l-ohra il-konvenut jallega li ghalkemm huwa minnu li huwa kien miexi wara Schembri u li kien beda jaghmel manuvra ta` surpass, l-istess Schembri qabad u kiser ghal fuqu u laqtu fuq il-genb tax-xellug tieghu. Kemm mill-iskizz u kif ukoll kif konfermat mix-xhieda tas-surgent jirrizulta li t-triq fejn sehh l-incident hija pjuttost wiesgha.

Il-kwantum tad-danni mitluba jinsabu debitament ipprovati tramite d-dokumenti esebiti apparti l-fatt li ma jidhirx li hemm kontestazzjoni fuq dan il-punt.

Paul Carl Scerri li jahdem ma` l-istess kumpanija ta` Jason Schembri ghamel dikjarazzjoni ta` fatti li tinsab a fol. 30 tal-process li giet konfermata bil-gurament tieghu fis-seduta tat-30 ta` April, 2007. Huwa jghid li kien miexi wara Schembri b’vettura ohra u kwindi ra l-incident kollu jsehh quddiem ghajnejh. Bejnu u bejn Schembri kien hemm zewg vetturi. Huma kellhom l-intenzjoni li jduru f’triq li kienet fuq il-lemin taghhom u peress illi allura riedu jaqsmu t-traffiku li kien gej mid-direzzjoni opposta waqfu lkoll jistennew li l-karreggjata opposta tkun hielsa mit-traffiku. Ighid li Schembri kellu l-indicator mixghul. F’hin minnhom meta kienu serbut ta` erbgha karozzi weqfin, lemah van gej minn warajh b’velocita` elevata. Kif wasal fejnu, dan il-van gibed ‘il barra biex jaqbzu u fil-fatt beda jaqbez dawn l-erba` vetturi weqfin fuq il-karreggjata opposta (wrong side) tat-triq. Kif dan il-van wasal fejn Schembri, lemah vettura gejja kontra tieghu u biex jevitha gibed il-gewwa ghal fuq ix-xellug tieghu u laqat lil Schembri. Wara l-impatt, tal-vann baqa` sejjer u Schembri saq ghal warajh sakemm waqaf.

Is-sewwieq Jason Schembri jikkonferma bil-gurament tieghu l-verzjoni li huwa ta lill-pulizija liema verzjoni tinsab korroborata mid-dikjarazzjoni guramentata ta` Scerri. Dan ix-xhud jinsisti li fil-mument ta` l-impatt huwa kien wieqaf ghal kollox peress li kien qed jistenna li l-karreggjata li ried jaqsam tkun libera mit-traffiku.

Il-konvenut Farrugia jallega li huwa kien miexi ezattament wara Schembri li dan ta` l-ahhar kien miexi bil-mod hafna qisu ma jafx fejn sejjer. Kif ra li minn faccata ma kienux

gejjin vetturi, xeghel l-indicator biex jindika li kien bihsiebu jaqbez lil Schembri min-naha ta` barra. Ighid li meta gie biex jaqbzu dan Schembri kien kwazi wieqaf ghal kollox pero` m`ghamillu ebda sinjali. Hekk kif kien qed jaqbzu, Farrugia ighid li sema` hoss mal-genb tax-xellug tieghu u ghalhekk waqaf. Fuq domanda tat-Tribunal ighid li n-natura ta` l-impatt fuq il-vettura tieghu l-ewwel bdiet bhala daqqa u mbaghad kompliet bhala zbrixxjatura. Ikkonferma wkoll li fl-akkwati hemm triq laterali fuq il-lemin.

Illi apparti l-kwistjoni ta` kredibbilita` fid-divergenza tal-verzjonijiet moghtija miz-zewg sewwieqa u apparti l-fatt li l-verzjoni moghtija minn Schembri tinsab korroborata minn Scerri filwaqt li l-konvenut naqas li jtella` bhala xhud tieghu lill-passiggiera li kellu, it-Tribunal ghandu jistabbilixxi x'kienet il-kawza prossima ta` dan l-incident. Kienx minhabba l-fatt li Schembri kiser f'daqqa ghal fuq il-lemin tieghu biex jidhol fit-triq laterali jew kienx minhabba l-manuvra ta` sorpass li ttenta jaghmel il-konvenut. Ghandu jinghad li fl-ewwel lok min ikun qed jaghmel il-manuvra biex idur lejn il-lemin kif ried jaghmel Schembri, ghalkemm huwa ghandu jixghel l-indicator sabiex javza lil ta` warajh b'din l-intenzjoni tieghu, l-obbligu principali tieghu huwa li jassikura ruhu li ma jkunux gejjin vetturi ohra mid-direzzjoni opposta stante li jkun irid jaqsam il-karreggjata tat-traffiku oppost. Jidher li din il-prekawzjoni, Schembri hadha tant li l-konvenut stess jafferma li Schembri kien miexi bil-mod ferm u fil-mument tas-sorpass kien kwazi wieqaf ghal kollox. Mill-banda l-ohra, l-obbligu ta` min ikun qed jaghmel is-sorpass huwa li jassikura ruhu li tali manuvra jista` jaghmilha b'mod u manjiera li ma johloqx perikolu ghal vettura li jkun qed jaqbez u b'mod partikolari ghall-vetturi l-ohra li jkunu gejjin mid-direzzjoni opposta. F'dan il-kaz il-konvenut jidher li ma hax din il-prekawzjoni necessarja minn qabel bil-konsegwenza li sehh l-impatt. Barra minhekk jigi rilevat ukoll illi fil-mument tas-sorpass, il-konvenut kien ghaddej x'aktarx fuq il-karreggjata opposta tat-triq peress illi rrizulta li Schembri gia` kien ghaddej lejn in-naha tan-nofs tat-triq. Illi ghalhekk jidher li l-kawza prossima ta` dan l-incident in kwistjoni kienet appuntu l-manuvra affrettata u

b’nuqqas ta` hsieb ta` sorpass li kien qed jittenta jaghmel il-konvenut.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed ghar-ragunijiet premessi jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jiddikjara li l-konvenut Mark Anthony Farrugia kien unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni kwindi jichad l-eccezzjoni minnu sollevata, jilqa` t-talbiet ta` l-atturi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta` tliet mija u sittin lira, erbgha u sebghin centezmu (Lm360.74) bl-imghax legali dekorribbli mill-4 ta` Novembru, 2003 u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------